MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## LINO FARRUGIA SACCO

Seduta tas-17 ta' Marzu, 2010

Citazzjoni Numru. 1041/2007

Joseph Galea u Giselle Galea
vs
Carmen Galea armla Cachia

Il-Qorti,

**A. RIKORS:**
Rat ir-rikors tar-rikorrenti li bih esponew:

1. Illi Annunziata Galea mietet fl-24 ta' Novembru 2005 kif jirrizulta mic-certifikat tal-mewt taghha anness mar-rikors guramentat (Dok JG1);

2. Illi hija irregolat is-successjoni taghha permezz ta' testment fl-atti tan-Nutar Claire Falzon tal-11 ta' Awissu 2001 (kopja annessa mar-rikors bhala Dok JG2) u dan kif jirrizulta mill-att *causa mortis* u mir-ricerki testamentarji annessi bhala Dok JG3 'A' u 'B';

3. Illi permezz ta’ l-istess testment, hija halliet eredi universali taghha lil uliedha, l-attur Joseph Galea u l-konvenuta Carmen Galea armla Cachia, kif ukoll halliet lill-istess diversi prelegati, u lill-attrici Giselle Galea legat, liema prelegati u legat jirrizultaw mill-istess testment;

4. Illi debitament interpellata sabiex tersaq ghad-divizjoni bonarja ta’ l-istess wirt, il-konvenuta baqghet inadempjenti;

5. Illi r-rikorrenti jiddikjara li huwa jaf personalment bil-fatti hawn elenkati, u li ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Ir-rikorrenti talbu lill-Qorti:

i. Tiddikjara s-successjoni ta’ Annunziata Galea miftuha favur il-partijiet Joseph u Carmen ahwa Galea bhala unici eredi universali taghha;

ii. Tillikwida l-assi ereditarju ta’ l-istess Annunziata Galea billi tiddikjaraha konsistenti fl-assi li ser jirrizultaw waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

iii. Tordna l-immissjoni fil-pussess tal-partijiet fil-prelegati u legati lilhom spettanti a tenur tat-testment taghha tal-11 ta’ Awissu 2001;

iv. Taqsam l-assi rimanenti ugwalment bejn il-partijiet, billi taqsam l-istess f’zewt partijiet ugwali u tordna l-assenjazzjoni lill-attur Joseph Galea u lill-konvenuta tal-kwota rispettiva taghhom, okkorrendo wara l-bejgh in subbasta ta’ l-assi mhux kommodament divizibbli u bl-assenjazzjoni bix-xorti ta’ l-assi komodament divizibbli;

v. Tahtar nutar sabiex jippubblika kull att necessarju fid-data u l-hin li jidhrilha din il-Qorti, bil-hatra ta’ kuraturi ghall-eventwali kontumaci.

Bl-ispejjez legali a karigu tal-konvenuta, inkluzi dawk tal-perizji *ex-parte* kummissjonati mir-rikorrenti, bl-ingunzjoni

ta' l-intimata minn issa in subizzjoni u bir-rizerva ta' kull azzjoni legali ulterjuri fil-ligi.

Rat il-lista tax-xhieda u d-dokumenti prezentati mir-rikorenti.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet lix-xhieda bil-gurament.

Semghet l-abili difensuri.

Ikkunsidrat

**B. PROVI:**

Rat li l-intimata baqghet kontumaci ghalkemm debitament notifikata.

Gie prezentat affidavit ta' Joseph Galea fejn semma li ommu u missieru kellhom zewgt itfal, hu u ohtu Carmen, l-intimata f'din il-kawza. Qal li ommu wara l-mewt ta' missieru ghexet wahedha fid-dar tal-komunjoni izda xi sittax-il sena ilu bieghet id-dar u xtrat terran fi Triq ix-Xghir, Haz-Zebbug, zewg bibien biss il-boghod minn ohtu Carmen. Qal li ftit gimghat biss wara li ommu marret toqghod hdejha ohtu ghal xi raguni li ma jafhiex ma bdietx tkellimha aktar u lanqas lilu. Zied li ohtu baqghet ma tikkoperax ma' ommu u anqas ma riedet tmur tara l-ommu meta darba ma irrispondietux fuq it-telephone. Ohtu kienet totalment inezistenti ghalkemm it-tifel taghha Mario kien it-tabib kuranti ta' ommu u ghamel hafna maghha. Wara tant snin ma tkellimx lil ommu, ohtu regghet bdiet tkellimha f'Novembru 2005, proprju fuq is-sodda tal-mewt taghha. Qal li ommu dahlet diversi drabi l-isptar ghall-kura izda ohtu qatt ma kienet tmur taraha. Kienu l-familja tieghu li kienu jmorru jarawha u l-mara tieghu kienet issajrilha kuljum.

Semma li ohtu marret tara lil ommha ftit jiem biss qabel ma mietet u ommha x'hin ratha qaltilha li setghet ma marret xejn. Zied jghid li ommu ftit granet qabel mietet kienet infurmatu li f'kexxun partikolari fil-kcina kellha kopja tat-testment. Wara li mietet u fetah il-kexxun sab

*envelope* kbir li kien fih Lm2,290 fi flus kontanti u l-kopja ta' testment fl-Atti tan-Nutar Claire Falzon fil-11 ta' Awissu 2001. Qal li minn dawk il-flus kien hallas il-funeral ta' ommu (Lm731.68), kontijiet tat-telefon u tad-dawl u l-ilma (Lm18.68), u ta ghotja ta' Lm40 lid-Dar tal-Providenza biex jaghmlu quddiesa ghal ruh ommu u missieru, u xi spejjez ohra li kien xtara lil ommu qabel mietet u kien fadal bilanc ta' Lm1360. Semma li fit-testment, salv xi prelegati, ommu kienet halliet bhala eredi universali taghha lilu u lil ohtu f'ishma ndaqs bejniethom. Hu kien mar ghand l-intimata u ta l-ammont ta' Lm680, nofs tal-Lm1360, u nfurmaha dwar it-testment. Semma li ohtu kienet sorpriza ghax hi stenniet li kienet ser thallilha biss il-legittima.

Wara li gew konkluzi r-ricerki testamentarji kellhom jiltaqghu fil-post in kwistjoni fl-4 ta' Frar 2006 biex jaghtiha kopja tac-cavetta tal-fond u jaqsmu l-mobbli izda fit-3 ta' Frar ircieva ittra minghand l-avukat taggha fejn ikkancella l-appuntament. Zied jghid li wara dan il-konvenuta bdiet b'serje ta' allegazzjonijiet foloz u qarrieqa fil-konfront tieghu fosthom li kien ha kollox mid-dar t'ommu. Qal li dan ma kienx minnu u kien inkariga lis-Sur Vincent Ciliberti biex jaghmel inventarju tal-mobbli. Meta dawn l-allegazzjonijiet sfumaw fix-xejn bdiet tallega ma' diversi qraba nies f'Haz-Zebbug li kien abbuza mill-prokura generali ta' ommu u gibed il-flus kollha mill-bank. Qal li dan ma kienx minnu u li hu qatt ma kellu prokura generali ta' ommu qatt ma gibed xi flus ta' ommu jew ghal ommu minn xi bank.

Semma li ommu kellha 4 kontijiet mal-HSBC Bank b'total kumplessiv €5,790.24 oltre xi imghaxijiet fuq tali ammonti mill-24 ta' Settembru 2007. Qal ukoll li ommu kellha xi investimenti mal-Globe Financial Management Ltd fl-ammont ta' €4,158.29. Kellha wkoll investiment fil-Malta Privatisation & Equity Fund li hu tieghu u ta' ommu f'ishma ndaqs bejniethom. Sehmu kien ta' Lm1,144. Semma li meta r-rikavat ta' dak il-kont li dakinhar kien ta' €6,005.12 jigi biex jinqasam bejnu u bejn l-intimata, nofs l-ammont, €3,002.56 jappartjeni esklussivament lilu filwaqt li n-nofs l-iehor irid jinqasam bejnu u bejn ohtu. Qal li hu ghandu

jiehu €4,503.84 filwaqt li l-intimata ghandha tiehu €1,501.28.

Semma l-assi li kellha ommu fil-mument tal-mewt taghha kienu:
Il-fond f'Haz-Zebbug li huwa stmat li jiswa €130,000;
ghamara u mobbli ohra;
depoziti bankarji/investimenti kif jirrizultaw mid-dokumenti E, F, G u H (a fol 67 sa 71 tal-process);
deheb u gojjellerija;
flus kontanti li nstabu fid-dar ta' ommu li minnhom thallsu l-kontijiet fejn il-bilanc diga' nqasam bejn l-eredi;

Spicca billi qal li wara l-mewt ta' ommu hu hallas is-somma ta' €1,02.49 lis-Sinjura E. Grech ta' "Villa Rosie', 33, Carlo Fiamingo Street Tal-Virtu`, Rabat, rapprezentanti sentejn cens fuq il-fond in kwistjoni u ghandu jigi ikkumpensat nofs l-ammont.

Rat ir-rapport *ex-parte* ta' Vincent Ciliberti fejn elenka 55 oggett inkluz ritratti ta' l-istess, li jinsabu a fol 20 sa 42 tal-process. Rat ir-rapport *ex-parte* tal-Perit Valerio Schembri dwar il-fond bl-isem "Saghtar", Triq ix-Xghir, Zebbug. Il-perit zamm access fl-istess fond, ha l-qisien mehtiega, hejja pjanta u rapport li jinsabu a fol 51 sa 55 tal-process, u wasal li l-valur tal-proprjeta` kif suggett ghac-cens annwu u perpetwu ta' €51.25 fis-somma ta' €130,000, u wasal ghall-opinjoni li l-fond in kwistjoni mhux komodament divizibbli.

Rat ir-rapport *ex-parte* ta' Sergio Zampa dwar gojjelli u hagar prezzjuz li wasal ghall-valur ta' €2341.58, fol 72 tal-process.

Rat in-nota ta' Dr. Gianfranco Gauci u Dr. Kenneth Cutajar fejn iddikjaraw:
"1. Illi-unika proprjeta` immobbli formanti parti mill-wirt tad-*decujus* hija d-dar bl-isem "Saghtar", Triq ix-Xghir, Zebbug, Malta;

2. Illi l-imsemmija dar mhijiex komodament divizibbli bejn il-kontendenti;

3. Illi l-valur ta’ l-istess dar huwa ta’ €104,821.80 u ghaldaqstant jiddikjaraw li ma hemmx htiega ghall-hatra ta’ perit arkitett sabiex jiddeskrivi jew jistma l-fond in kwistjoni u jitolbu lil din l-Onorabbli Qorti sabiex joghgobha gentilment tirrevoka l-inkarigu moghti lill-AIC Mario Cassar.”

Fit-18 ta’ Gunju 2008 il-Qorti irrevokat l-inkarigu tal-Perit Mario Cassar.

Rat li fit-28 ta’ Jannar 2009 Dr. Gauci ipprezenta nota b’dokument u informa lill-Qorti li gie maqsum id-deheb u hafna mill-ghamara (fol 81 sa 83).

Rat li fl-20 ta’ Mejju 2009 giet prezentata nota tar-rikorrenti ghal cessjoni parzjali li permezz taghha:
“…jcedu r-raba’ talba attrici sa fejn tikkoncerna biss l-assi mobbli ad eskluzjoni tal-mobbli indikati bhala 30 u 31 a fol 22 u l-flus u dan stante qsim bonarju ta’ l-assi fil-mori tal-kawza”.

**C. KUNSIDERAZZJONIJIET:**
Illi f’din il-kawza r-rikorrenti qed jitlob dikjarazzjoni li s-successjoni ta’ ommu Annunzjata Galea hihja miftuha, likwidazzjoni ta’ l-assi ereditarju u immissjoni fil-pussess. Irrizulta li Annunzjata Galea li mietet fl-24 ta’ Novembru 2005 kienet omm il-kontendenti u li ma kellhiex tfal ohra u li s-successjoni taghha hija regolata permezz ta’ testment fl-atti tan-Nutar Claire Falzon tal-11 ta’ Awissu 2001. Fl-imsemmi testment hemm revoka ta’ testmenti precedenti, prelegati ghas-somma ta’ Lm1,000 favur ir-rikorrent kif ukoll polka u bicciet maqlughin li kienu jaghmlu parti integrali minnha kif ukoll favur l-intimata set ta’ deheb abjad konsistenti f’labra u par imsielet bil-jedd ta’ tpacija u legat favur Giselle Galea gizirana tad-deheb bis-salib imdendel maghha. Hemm provvdut ukoll l-ezenzjoni mill-kollazzjoni fil-massa ereditarja. Finalment a tenur tar-raba’ artikolu t-testatrici kienet innominat u istitwiet bhala eredi universali taghha liz-zewg uliedha Joseph u Carmen ahwa Galea, bis-sostituzzjoni volgari.

Il-Qorti tirreferi wkoll ghal dak li jirrizulta afol 75 tal-process, rikors konguntiv tal-partijiet fejn iddikjaraw li bhala prorpjeta` immobbli hemm biss il-fond “Saghtar”, Triq ix-Xghir, Zebbug, Malta u li qablu li dan mhux komodament divizibbli u li ghandu valur ta’ €104,821.80 u li ma hemmx bzonn hatra ta’ perit arkitett. Inoltre l-partijiet qasmu bonarjament bejniethom l-assi mobbli ad eskluzjoni ta’ xi ftit oggetti u flus.

Fost l-assi mhollija mid-*decujus* hemm il-fond “Saghtar”, Triq ix-Xghir, Zebbug, Malta u kemm mill-affidavit tar-rikorrent, dikjarazzjoni a fol 75, kif ukoll relazzjoni tal-Perit Valerio Schembri l-Qorti tasal ghall-konkluzjoni li dan il-fond mhux komodament divizibbli. Irrizulta li dan il-fond kien mixtri minn Annunzjata Galea wara l-mewt ta’ zewgha kif spjegat fl-affidavit tar-rikorrent a fol 57 tal-process. Dan il-fond huwa suggett ghal cens annwu u perpetwu ta’ €51.25. Il-Qorti tordna li dan il-fond jinbigh bis-subasta u li r-rikavat jinqasam ugwalment bejn il-partijiet wara li jigi rifuz lir-rikorrent nofs il-pagamenti tac-cens li hu ghamel sal-lum u cioe` s-somma ta’ €51.24.

Illi bhala flus kontanti, ir-rikorrenti jispjega fl-affidavit tieghu li sab Lm2,290 fil-kexxun indikat lilu minn ommu fuq is-sodda tal-mewt taghha. Wara li hallas l-ispejjez ghall-funeral, kontijiet tat-telefon u ta' l-elettriku u l-ilma u ammonti ohra zghar kien fadal bilanc ta' Lm1,360 u dan inqasam nofs bin-nofs bejn il-partijiet. Jinghad li fin-nota ta’ l-intimata maghmula a tenur ta’ l-artikolu 158(10) minhabba li l-intimata kontumaci, l-istess intimata qablet li rceviet in-nofs il-bilanc indikat mir-rikorrent, cioe` s-somma ta’ Lm680 u ghalhekk il-Qorti m’ghandhiex x’tiddisponi dwar dan.

Illi apparti flus kontanti, id-*decujus* kellha erba' kontijiet bankarji ma' l-HSBC Bank Malta plc, li sal-24 ta' Settembru 2007 kien fihom total ta’ Lm2,485.75 ossija €5,790.24, u li maghhom komplew jizdiedu l-imghaxijiet sal-gurnata ta' llum. Minn dawn il-flus ghandhom jonqsu u jigu addebitati favur ir-ikorrent l-ispejjez tar-ricerki bankarji (Lm5) rizultanti mill-ittra a fol 15 u r-ricevuta anessa. Dawn il-flus ghandhom jigu zbankati mir-rikorrent, inkluz l-

imghax sal-lum, u dan ghandu l-obbligu li fi zmien 15-il gurnata jghaddi lill-intimata nofs il-flus (wara li jitnaqqsu spejjez) li jkun zbanka wara li tinghata debita ricevuta.

Mid-depozizzjoni guramentata tar-rikorrent irrizulta li kien hemm depoziti ma' Globe Financial Management Ltd. fl-ammont ta' €4,158.29, u kellha wkoll investiment fil-Malta Privatisation & Equity Fund li hu tar-rikorrenti u ta' ommu f'ishma ndaqs bejniethom. Ir-rikorrent kien semma li r-rikavat ta' dak il-kont dakinhar kien ta' €6,005.12 u meta jigi biex jinqasam bejnu u bejn l-intimata, nofs l-ammont, €3,002.56 jappartjeni esklussivament lilu filwaqt li n-nofs l-iehor irid jinqasam bejnu u bejn ohtu. Ir-rikorrent kien sostna li hu ghandu jiehu €4,503.84 filwaqt li l-intimata ghandha tiehu €1,501.28. Fin-nota taghha l-intimata issollevat jekk il-Qorti ghandhiex toqghod fuq l-asserzjonijiet tar-rikorrent, izda l-Qorti tirrileva li dwar dan ghandha l-gurament tar-rikorrenti u xejn ta' l-intimata likienet ghazlet li tibqa' kontumaci u li l-Qorti tqis il-verzjoni tar-rikorrenti bhala wahda kredibbli u ghalhekk toqghod fuqha u tordna li r-rikavat ta' dawn l-investimenti jigi mghoddi kwart minnhom lill-intimata.

Dwar deheb u mobbli ntlahaq qbil bonarju hlief ghal hames oggetti elenkati a fol 83 tal-process. Il-Qorti taccetta l-qasma bonarja tal-partijiet izda tordna li l-oggetti l-ohra li dwarhom ma ntlahaqx ftehim, jekk ma jintlahaqx ftehim bonarju bejn il-partijiet fi zmien xahar mil-lum, tinnomina lis-Sur Vincent E. Ciliberti biex jiddividi l-oggetti f'zewg porzjonijiet (anke jekk hemm bzonn b'bilanc finanzjarju inkluz) u li jsejjah laqgha tal-partijiet u fiha anke fl-assenza ta' wahda mill-partijiet itella' bix-xorti l-ishma. Spejjez ta' din il-procedura bin-nofs.

Tordna l-immissjoni fil-pussess tal-legat imholli lir-rikorrenti Giselle Galea, konsistenti f'gizirana tad-deheb bis-salib imdendel maghha in forza tat-tieni artikolu ta' l-istess testment (fol 7 tal-process).

Tawtorizza lill-intimata tiehu minn go d-dar tad-*decujus* l-oggetti lilha assenjati fid-divizjoni li saret bonarjament bejn il-partijiet u dan fi zmien xahar mil-lum, u fin-nuqas

jinbieghu flimkien mad-dar bhala lot separat li jigi assenjat lilha.  Spejjez ta’ din il-procedura ghall-intimata.

Sfortunatament, l-artikolu msemmi mir-rikorrenti dwar spejjez ta’ l-esperti *ex-parte* mhux applikabbli ghall-kaz in ezami.

**D.   KONKLUZJONIJIET:**

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tiddikjara s-successjoni ta’ Annunzjata Galea miftuha favur il-partijiet.  Wara li illikwidat l-assi u konsistenza taghhom tikkonferma d-divizjoni bil-mod fuq imsemmi u tordna l-immissjoni fil-pussess kif semmiet hawn fuq.

Spejjez bin-nofs.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------